San Pawl Il-Bahar

**Il- laqgħa Nru 27 tas-seba' Kunsill**
**saret nhar**
**it-Tnejn 1 ta' April 2013 fil-5.30pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi**
Triq San Pawl,San Pawl il-Bahar,SPB 3411 - Malta

**Preżenti għal-Laqgħa:**

| | |
|---|---|
| Mario Salerno | Sindku |
| Alexander Bezzina | Vici Sindku |
| Graziella Galea | Kunsilliera |
| Raymond Tabone | Kunsillier |
| Mandy Buhagiar | Kunsilliera |
| Jason Camilleri | Kunsillier |
| Daniel Grima | Kunsillier |
| Jane Chircop | Kunsilliera |
| Carmel Hili | Kunsillier |
| | |
| Frans Chircop | Segr. Eżekuttiv |

**Skuzat/a:-**
John Bray, Peter Abela, Robert Piscopo ,
Anne Marie Fenech

**Is-Sindku qal it-talba u ppresieda l-laqgha.**

1 ***Billi din il-laqgha hija kontinwazzjoni tal-laqggha precedent ma' kienx hemm minuti x'jinqraw u ghaldaqstant is-ssindku kompla jezawrixxi l-agenda.***

**Tender tal-Perit**

2 Is-Sindku beda biex ta' spjegazzjoni li l-bord kompost minn Jane Chircop, John Bray, Jason Camilleri u Mario Salerno bhala Sindku. Kien rakkomandat li t-tender tal-Perit tinqasam u tinghata lill tlieta. Wara li giet diskussa u minhabba li fit-tender li harget ma' kienx hemm il-possibilita li t-tender tinghata lill aktar minn perit wiehed, gie deciz li t-tender tal-Perit tinghata lill l-irhas wiehed skond il-bzonnijiet tal-Kunsill. Ghaldaqstant gie rakkomandat il-Perit William Lewis u Daniel Micallef bhala l-periti ufficjali tal-Kunsill. Il-Kunsillier Jason Camilleri propona li l-irhas wiehed skond il-bzonnijiet tal-Kunsill huwa William Lewis u Daniel Micallef. Minn dawk prezenti kulhadd qabel minbarra Graziella Galea.

**Attivitiajiet fil-Pjazza ta' Bugibba.**

Wara diskussjoni fuq l-organizzazjoni ta' parties fil-pjazza ta' Bugibba, minhabba li fil-weekend ta' qabel inqalghat glieda u sahansitra kienet involuta l-pulizija, gie deciz li ghandu jsir kuntatt mas-sidien tal-hwienet biex tinstab soluzzjoni tal-problema. Billi l-pjazza hija kwazi aktar min nofsha art privata li tappartjeni lill kumpanija tal-Marsovin, il-Kunsill m'ghandux johrog permessi biex isiru dawn il-parties. Dan fid-dawl li l-organizzazjoni ta' dawn l-istess parties hija mharsa mil-ligi ga stabbilita mill-pulizija li fiha ga hemm inkorporati diversi kundizzjonijiet, bhal sound level, toilets, ammont ta' security mehtiega etc. Ghaldaqstant wara li ga kienet saret laqgha mas-supretendent tal-Pulizija – Martin Sammut, gie deciz li l-Kunsill m'ghandux ghalfejn johrog permessi biex isiru dawn il-parties, imma javza biss lill pulizija jekk ikun jaf li ser jigu organizzati. Il-Pulizija ghandhom jassigguraw li l-organizzazjoni ta' dawn il-parties hija konformi mal-ligi.
Ghaldaqstant il-Kunsill qabel li m'hemmx ghalfejn tohrog no objection minghand il-Kunsill ghax l-art imsemmija hija art privata u huwa d-dover tal-pulizija li tara li jkun hemm kollox skont il-ligi. Madankollu kien hemm suggeriment li l-mobile toilets li jintramaw ghall okkazjonijiet bhal dawn, jitpoggew iharsu l-gewwa hdejn l-bank tal-HSBC –propjament that is-CCTV's. Hekk jinqatghu hafna abbuzi. Kull ma' jintramaw huma zewg mobile toilets flok erba' u saru arrangamenti wkolll biex in-naha ta' wara l-HSBC li jghati ghall-parkegg jigi maghluq halli n-nies ma' jmorrux hemm wara u jispiccaw hafna abbuzi. Dan gie komunikat u kien hem mil-qbil fuqu,mas-sidien tal-hwienet mill-Kunsillier Jason Camilleri flimkien mas-segretarju ezekuttiv .

<u>Sighat imnaqqsa</u> *(Reduced working hours).* Il-Kunsillier Jason Camilleri semma li wahda mill-iskrivani li tahdem bis-sighat imnaqqsa ghanda tibqa tghamel dan ghax hija ma' tistax tahdem aktar sieghat itwal milli prezentament qieghda tahdem. Minhabba li din qamet diversi drabi u li kien hemm xi drabi li minkejja li talbet biex tahdem bir-reduced hours, l-istess skrivana kienet qed tahdem anke l-overtime gie deciz li l-istess skrivana tibqa tahdem bis-sighat imnaqqsa (reduced hours) u tithallas tas-sighat li tahdem peress li issa

gie installat il-punch clock. Ghaldaqstant ghanda tintalab ittra mill-iskrivana biex jigi ikkonfermat dan.

Xogholijiet ohra. Il-Kunsillier Ray Tabone qal li bejn l-iskola u n-naha tat-Thassalin hemm bicca simenta li ghanda bzonn xoghol ta' konkos u forsi l-quddiem isiru anke toilets ghall pubbliku. Huwa kompla jghid li ghandhom jintalbu flus mill-iskema tal-UIF halli jintuzaw ghall dan l-iskop. Kien hemm qbil unanimu fuq dan.

**Devoluzzjoni tal-art.**

Lattrina tas-Sirens. Wara laqgha fid-dipartiment tal-lands, il-Kunsill intalab biex japplika halli ssir minnufih id-devoluzzjoni tal-lattrina li kienet inbniet fin-naha maghrufa bhala tas-Sirens.

Burmarrad playing field. Gie konfermat ukoll li l-kmamar tad-dressing rooms fil-playing field ta' Burmarrad ghadhom jghajjtu lill Kunsill Malti ghall-isporta u minkejja li l-Kunsill ghamel diversi interventi biex tissebbah l-akwata flimkien mal-bandli u l-ground magemb l-istess binja dan il-bini ghadu ufficjalment taht il-Kunsill Malti ghall-isports. Ghaldaqstant ghandu jibda l-process tad-devoluzzjoni tal-istess post.

Parkegg. Ghandu wkoll jibda l-process ghad-devoluzzjoni tal-art halli tintuza ghall parkegg, kemm ghall-*underground car park* kif ukoll ghall-*skate board ground* in-naha tas-Santana Hotel.

**Aggornament.**

Il-laqgha spiccat fis 1845 wara li giet ezawrita l-agenda u laqgha ohra giet aggornata ghall nhar il-gimgha 10 ta' Mejju 2013 fil-5.30pm fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill San Pawl il-Bahar.

Mario Salerno
Sindku – Kunsill San Pawl il-Bahar.

Frans Chircop
Seg. Ezekuttiv.-LIMIS, MBA, MPHIL (Maastricht).
Kunsill San Pawl il-Bahar.